

Brussell, 28 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9000/18

FRONT 138
SIRIS 49
COMIX 258

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ġestjoni Ewropea Integrata tal-Fruntieri (EUIBM)

Wieħed mill-oġġettivi prinċipali tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament fundatur tiegħu¹, huwa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Ġestjoni Ewropea Integrata tal-Fruntieri (EUIBM) permezz ta' serje ta' passi konkreti. L-għan tal-EUIBM huwa li tiġġestixxi l-qsim tal-fruntieri esterni b'mod effiċjenti, kif ukoll li tindirizza sfidi migratorji u theddidiet futuri potenzjali f'dawk il-fruntieri, u b'hekk tikkontribwixxi għall-indirizzar tal-kriminalità serja b'dimensjoni transkonfinali u tiżgura livell għoli ta' sigurtà interna fl-Unjoni, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali filwaqt li tissalvagwardja l-moviment liberu tal-persuni fi ħdana.

Fl-14 ta' Marzu 2018 il-Kummissjoni ppreżentat fl-Anness 6 tar-Rapport ta' Progress dwar l-Implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni tagħha², l-elementi prinċipali għall-iżvilupp tal-EUIBM. Abbażi ta' dawn l-elementi prinċipali, l-iżvilupp mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tal-istrateġija teknika u operazzjonali għall-EUIBM u, wara dan, l-iżvilupp mill-Istati Membri tal-istrateġiji nazzjonali tal-IBM tagħhom, huma antiċipati li jimplimentaw il-qafas strateġiku tal-EUIBM.

¹ Regolament (UE) 2016/1624, ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1.

² dok. 7199/18 ADD 6.

Sabiex tikkontribwixxi għall-approvazzjoni ta' din il-proċedura lejn l-implimentazzjoni tal-EUIBM, inkluż il-perijodu ta' żmien previst tagħha, il-Presidenza ppreżentat l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill meħmuża, li ġew eżaminati mill-korpi kompetenti tal-Kunsill.

Abbażi ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden li jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ġestjoni Ewropea Integrata tal-Fruntieri (EUIBM) kif jinsab fl-Anness għal din in-Nota, bħala Punt "A" f'laqgħa li jmiss.

Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ġestjoni Ewropea Integrata tal-Fruntieri (EUIBM)

Il-Kunsill:

- itenni li l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-ġestjoni Ewropea Integrata tal-fruntieri (EUIBM) għadha r-responsabbiltà kondiviża tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri, filwaqt li l-Istati Membri għandhom iżommu r-responsabbiltà primarja għall-ġestjoni tas-sezzjonijiet tagħhom tal-fruntieri esterni. Abbażi tal-elementi prinċipali deskritti mill-Kummissjoni fl-Anness 6 tar-Rapport ta' Progress dwar l-Implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, l-iżvilupp u l-istabbiliment tal-istrateġija teknika u operazzjonali tal-EUIBM tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) u l-istrateġiji nazzjonali tal-Ġestjoni integrata tal-fruntieri (IBM) tal-Istati Membri ser jimplimentaw il-qafas strateġiku tal-EUIBM;
- jenfasizza li l-iżvilupp ikkoordinat tal-Istrateġiji tal-IBM fil-livelli nazzjonali u f'dak Ewropew huwa l-qofol tal-implimentazzjoni tal-EUIBM. Dan jinkludi l-involviment sħiħ tal-Istati Membri fil-proċessi ta' żvilupp u ta' implimentazzjoni tal-IBM fil-livelli kollha;
- jilqa' b'sodisfazzjon ir-riżultati miksuba s'issa matul il-proċess ta' żvilupp tal-istrateġija ikkoordinat mill-Kummissjoni;
- jieħu nota tal-elementi prinċipali għall-iżvilupp tal-Istrateġija tal-EUIBM kif ippreżentati mill-Kummissjoni fl-Anness 6 tar-Rapport ta' Progress dwar l-Implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni;
- jenfasizza li l-moviment liberu huwa stadju importanti tal-acquis ta' Schengen u komponent fundamentali tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u jissottolinja li ġestjoni funzjonali, uniformi u effettiva tal-fruntieri esterni tal-UE, li tiegħu kont tan-natura differenti ta' dawn il-fruntieri tikkontribwixxi għall-iżgurar tal-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen li joffri livell għoli ta' protezzjoni liċ-ċittadini;

- jistieden lill-Frontex biex tħejji, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni, strateġija teknika u operazzjonali tal-EUIBM fil-qafas tal-11-il komponent strateġiku kif definit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/1624 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta. Dik l-istrateġija teknika u operazzjonali jenħtieġ li tiġi stabbilita sa tmiem l-2018 abbażi tal-elementi prinċipali kif deskritti mill-Kummissjoni u filwaqt li jittieħed kont tat-tliet komponenti orizzontali – drittijiet fundamentali, taħriġ, riċerka u innovazzjoni;
- jistieden lill-Istati Membri biex iħejju jew jallinjaw strateġiji nazzjonali tal-IBM adatti, filwaqt li jittieħed kont tal-istrateġija teknika u operazzjonali li għandha tiġi żviluppata mill-Frontex u l-elementi prinċipali għall-iżvilupp tal-Istrateġija tal-EUIBM deskritti mill-Kummissjoni fl-Anness 6 tar-rapport ta' progress dwar l-Implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, sa mhux aktar tard minn Ġunju 2019, jew fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tal-istrateġija teknika u operazzjonali mill-Frontex, jekk din tal-aħħar tiġi adottata wara tmiem l-2018;
- jistieden lill-Kummissjoni biex tipprevedi evalwazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali tal-IBM fl-2019 u l-2020;
- jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-iżvilupp ulterjuri ta' standards komuni tal-kontroll tal-fruntieri tal-UE u b'mod partikolari tas-sorveljanza tal-fruntieri esterni, kif ukoll, abbażi tar-riżultati tal-evalwazzjoni, il-konsolidazzjoni ulterjuri ta' prattiki tajbin għall-faċilitazzjoni tal-iżvilupp u l-approċċ komuni fl-implimentazzjoni tal-EUIBM, inkluż elaborazzjoni tal-manwal-EUIBM f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Frontex.
